MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 245/2002

Il-Pulizija
(Spettur S. Galea)
Vs
Joseph Vella

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
1) fil-21 ta' Marzu 2002 u fit-22 ta' Marzu 2002 u fil-granet sussegwenti biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu fixkel lil martu Charmaine u lil uliedu mill-pussess ta' hwejjighom, billi skonnetja l-linji tat-telefon, nehha l-komunikazzjoni tal-gas kif ukoll il-komunikazzjoni ta' l-elettriku ma ktieli li jservu lil familja;
2) u aktar talli zamm taht il-pussess tieghu w fixkel lil martu u lil uliedu mit-tgawdija ta' hwejjighom billi qafel f'garaxx u ma tghax access lil martu u lil uliedu ghall-

oggetti ta' uzu personali taghhom u dan kollox bi ksur tal-artiklu 85 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 t'Ottubru, 2002, li biha wara li rat l-artikoli 85 u 377 (3) tal-Kap. 9, ikkundannatu ghall-multa ta' tletin lira Maltin (LM30) u ordnatlu jaghti l-access imsemmi fi zmien xahar u fin-nuqqas jehel ammenda ta' LM2 ghal kull gurnata li matulha jibqa inadempjenti wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-22 t'Ottubru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha w tirrevokaha fil-parti tal-imputazzjoni fejn instabet htija w tikkonfermha fejn l-appellant gie lliberat.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u li dwar l-akkuza li dwarha l-Ewwel Qorti sabet htija , rrizulta mix-xiehda ta' Charmaine Vella li dan il-fatt, jekk sehh , sehh fi zmien ta' sena mid-data li hija xehdet fiha , u ghalhekk ma jikkonfigurax mad-data li biha gie akkuzat l-appellant u cioe' fit-22 ta' Marzu, 2002. Inoltre mart l-appellant qatt ma xehdet li ratu jaghmel xi katnazz iehor ghall-bieb tal-garage u lanqas biss indenjat ruha ssaqsieh jekk kienx hu li ghamel it-tieni katnazz u fil-kamp penali wiehed ma jistax jassumi dan , anki jekk hemm pendenti proceduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet .

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet ix-xiehda fil-kors tas-seduta tas-16 ta' Jannar, 2003 kif ukoll it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur ;

Ikkonsidrat ;

Illi dan l-appell jirrigwarda biss is-sejbien ta' htija dwar it-tieni parti tal-imputazzjoni ta' ragjon fattasi li tirrigwarda l-allegat agir tal-appellant li bih cahhad lil martu w lill-uliedu

mit-tgawdija ta’ hwejjighom billi qafel f’ garage u ma tahomx access ghall- oggetti ta’ uzu personali taghhom.

Apparti dik tal-Ispettur Simon Galea li kkonferma li rceva l-kwerela a fol. 6 tal-process, l-unika xhieda tal-prosekuzzjoni kienet dik ta’ Charmaine Vella , mart l-appellant. Din xehdet li kienet marret tirrapoprta lil Pulizija , wara li kienet ikkonsultat lill-Avukat taghha, billi zewgha l-appellant ma kienx qed ihalliha tmur tiehu xejn mill-garage, li jigi wara l-kantuniera minn fejn joqghodu huma. Qabel hi kellha cavetta ghal dal-garage . Meta marret sabet li l-katnazz li kien hemm fuq barra kien imbidel . Kien qabel it-23 ta’ Marzu, 2002 li imbidel il-katnazz . Ma tafx ezatt meta bidel il-katnazz imma hi sabitu maghluq u marret ghand l-Avukat taghha. Hi kienet kellmet lill-appellant dwar dan u hu qalilha li hu kien bidel il-katnazz ghax il-garage kien tieghu . Dan il-garage l–appellant kien krieh waqt iz-zwieg . Cahdet dak li ssuggerielha l-avukat difensur in kontro-ezami li hi saret taf li l-appellant kien bidel il-katnazz ghax sabet xi haga miktuba fid-diarju tal-appellant, izda baqghet issostni li dan kien ammettieh maghha l-appellant stess.

L-appellant la xehed quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas quddiem din il-Qorti.

Illi f’dan l-istat tal-provi, din il-Qorti ghandha biss il-versjoni ta’ Charmaine Vella li l–appellant ammetta maghha li kien bidel il-katnazz u hekk ma setghetx tidhol fil-garage li kien inkera waqt iz-zwieg u ghalhekk kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u li hi ghalhekk kellha kull dritt li taghmel uzu minnhu sakemm ma jkunx hemm xi provvediment divers mill-Qorti “pendente lite” fil-kors tas-separazzjoni jew f’xi sentenza definittiva biex ma tibqax taghmel tali uzu mill-istess garage. Hu ovvju li jekk l-appellant cahhad lill-martu minn dan l-uzu , ghax irritjena li dan il-garage hu tieghu , hu gie ha l-ligi b’idejh u dan zgur li jikkostitwixxi r-reat ta’ ragjon fattasi lilu addebitat . Dan ir-reat jikkonfigura ruhu anki fir-relazzjonijiet bejn il-mizzewgin li jkunu qed jikkompetu ghad-drittijiet taghhom f’kawza ta’ separazzjoni , kif gie rikonoxxut fl-appell kriminali “Il-Pulizija. vs, Salvina k/a Silvia Incorvaja “

[25.7.1994] , fejn si trattava ta' mara mizzewga , li biex tezercita dritt li tippretendi li kellha, kienet qaflet lil zewgha barra mid-dar konjugali u ma hallietux jidhol fil-proprjeta' tieghu biex b'hekk fixxklitu fil-pussess ta' hwejjgu .

Illi l-aggravju li Charmaine Vella qatt ma rat lill-appellant jaghmel il-katnazz u li qatt ma staqsietu jekk kienx ghamlu hu , huwa infondat ghax mix-xiehda taghha mhux kontradetta jirrizulta li hu kien stqarr maghha li kien ghamlu hu l-katnazz gdid u li kien ghamel hekk ghax kien jirritjeni li l-garage hu hwejjgu. La darba l-appellant ammetta ma martu , din hija prova sufficjenti tal-agir tieghu.

Illi umbaghad, ghamlu meta ghamlu l-katnazz, trattandosi ta' reat permanenti, jekk meta Charmaine Vella marret biex tidhol fil-garage fil-granet imsemmija fic-citazzjoni, sabitu maghluq u inaccessibbli, r-reat jirrizulta pruvat ghal dawk il-granet u tul il-permanenza kollha tal-istat ta' fatt illegali li pperpetwa zewgha.

Finalment, x' ghamlet l-Ewwel Qorti fi process iehor ma jistax jitressaq bhala ilment jew aggravju f'dan l-appell kif ipprova jaghmel l-appellant, ghax din il-Qorti dan il-kaz biss ghandha quddiemha.

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata .

--------------------------------TMIEM--------------------------------